MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru. 1339/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**KONTRA**

**JUSTIN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Justin Farrugia ta' 19- il sena, bin missier mhux maghruf u Dorothy Farrugia, mwieled Pieta' nhar id- 9 ta' April 1991, residenti no. 12, Flat no. 3, Triq il- Punent, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 228891M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Gewwa l- Belt Valletta nhar is- 27 ta' Awwissu 2008, f' xi hin bejn is- 1.30 u t- 7.45am ikkommetta serq ta' somma ta' flus minn vettura tal-ghamla Toyota Landcruiser bin- numru tar- registrazzjoni OLI- 131, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bix- xorta tal- haga misrqua u bil- valur li jeccedi €232.94 u dan sar ghad- detriment ta' Jefrin Grech u/ jew persuni ohra;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fil- vettura msemmija OLI- 131, liema hsara li tiskorri €116.47 saret ghad- detriment tal- imsemmi Jeffrin Grech u/ jew persuni ohra;

3) Aktar talli kiser ordni ta' probation skond l-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija lilu fit- 12 ta' Dicembru 2007 mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D, liema sentenza saret defenittivi u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Jeffrin Grech kien halla l-vettura tieghu pparkeggata fi triq fil-Belt Valletta, fil-lejl ta' bejn is-26 u t-27 ta' Awwissu, 2008, u fiha halla ammont ta' flus kontanti, madwar €580. Xi hadd mhux maghruf sgassalu l-bieba tal-vettura u

hadlu l-flus li kien hemm. Sar rapport lill-Pulizija, u minn ezamijiet forensici gew elevati impronti digitali li ntuzaw mil-Pulizija biex jigi ntraccat min seraq dawn il-flus. Wara investigazzjoni, il-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat akkuzat b’din is-serqa.

Mil-provi prodotti, jirrisulta li kien hemm sgass fil-vettura ta’ Jeffrin Grech fil-lejl indikat, u kien insteraq l-ammont ta’ €580 fi flus kontanti. Is-suspetti ta’ Grech u ta’ huh waqghu fuq l-imputat, ghal xi raguni li ma tantx hija cara lil din il-Qorti, izda b’suspett biss ma tistax tasal ghal htija jew kundanna. Minkejja dan, l-impronti digitali misjuba fil-vettura gew mqabbla ma’ dawk tal-imputat stess, u rrisulta li kien hemm qbil bejniethom. Ghalhekk, ghal xi raguni, l-imputat kien dahal fil-vettura ta’ Jeffrin Grech biex jaghmel xi haga.

Gie stabbilit ukoll li l-imputat u Grech jafu ‘l xulxin di vista, izda Grech qatt ma rikkeb lill-imputat fil-vettura tieghu. Ghalhekk ma hemmx spjegazzjoni logika w plawsibbli ghalfejn instabu l-impronti digitali tal-imputat fil-vettura ta’ Grech. Barra minn hekk, l-imputat ma tax ix-xhieda tieghu f’din il-kawza, biex jipprova jiskolpa ruhu u jghid kif gew l-impronti tieghu fil-vettura ta’ persuna li hu kien jaf biss di vista, ghax it-tnejn mil-Belt. Kull ma jghid l-imputat f’dan ir-rigward jinsab fl-istqarrija tieghu, a fol. 38 tal-process, u jistqarr li jista’ jkun li hu xi darba serrah mal-vettura ta’ Grech u b’hekk forsi halla l-impronti tieghu hemm. Spjegazzjoni ghal kollox fjakka u inverosimili, fil-fehma tal-Qorti.

Rigward l-ammont ta’ flus misruqa, il-Qorti ghandha biss il-kelma mhux kontradetta ta’ Jeffrin Grech. Hu jghid li kellu madwar €500 f’muniti, u xi €80 fi flus karti, mil-bejgh tal-hanut tieghu. Il-Qorti hija perplessa ghall-ahhar kif persuna thalli ammont konsiderevoli ta’ flus fil-vettura taghha tul lejl shih, meta ghandha tkun konsapevoli li hu ta’ riskju serju li thalli oggett bhal dak f’lok minghajr kustodju tul lejl shih. Aktar u aktar meta l-istess Grech kien gia’ sofra serq minn vetturi ohra tieghu. Madankollu, il-Qorti ma tistax tippresumi li ma kienx hemm il-flus imsemmija minn Grech, izda ghandha toqghod fuq il-

kelma tieghu li, kif gia' inghad hawn fuq, ma giet kontradetta minn hadd u minn xejn.

Illi ghalhekk, ghal din il-Qorti huwa evidenti li l-imputat wettaq is-serqa indikata. Ladarba instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-lok tad-delitt, il-presunzjoni hi li hu wettaq l-istess delitt, specjalment jekk hu ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn kien hemm hu, meta l-anqas hu habib fil-qrib ta' Jeffrin Grech.

Kwantu ghal fini ta' piena, il-Qorti tara li l-imputat kien gia' inghata aktar minn opportunita' wahda mil-Qrati taghna biex ma jibqax jippersisti fit-twettiq ta' reati kriminali, izda ghal xejn. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti sejra tikkundannah piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 267, 271, 279, 325, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------